



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Awwissu 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0169(NLE)

10122/20
ADD 1

AELE 13
EEE 8
N 11
ISL 6
FL 5
MI 263
BUDGET 7

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Awwissu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 366 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS ta' [...] Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż- ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il- kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 04 03 01 03 - Sigurtà Soċjali)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 366 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2020) 366 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.8.2020
COM(2020) 366 final

ANNEX

ANNESS

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-
kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

(Linja Baġitarja 04 03 01 03 - Sigurtà Soċjali)

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

**li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE fl-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni rigward il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali u l-miżuri għall-migranti, inklużi l-migranti minn pajjiżi terzi.
- (2) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex ikun possibbli li dik il-kooperazzjoni estiża tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2020,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-paragrafi 5 u 13 tal-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, il-kliem "u 2019" jiġi sostitwit bil-kliem "u 2019 u 2020".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
Tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE